MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 763/2011

**Melita p.l.c. – C 12715**

**vs**

**Ramon Abela**
**I.D. 148683 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta’ attrici l-ammont ta’ erba’ mija u tmintax il-Ewro u tlieta u sittin centezmu (€418.63) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ghal servizz ta’ “mobile” fil-fond “Kristile”, Triq it-Telgha ta’ Rahal Gdid, Paola, u dan skond l-istatement tal-kont numru *568167* liema dokument qed jigi mmarkat “Dok. B”.

Illi minkejja li l-konvenut gie diversi drabi interpellat sabiex ihallas, dan baqa’ inadempjenti.
Bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u tmintax-il Ewro u tlieta u sittin centezmu (€ 418.63), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------